# Iċ-Ċimiterju tal-Blata l-Bajda

minn Alfie Guillaumier

**Tistagħġeb kemm jinbidlu ż-żmenijiet u kemm jinbidlu wkoll in-nies u l-imkejjen differenti tal-gżira tagħna. Kultant tmur x'imkien u tibqa' mnixxef kif dak il-post, biex ingħidu hekk, bilkemm tgħarfu. Fejn qabel kien xagħri jew għelieqi, minflok issib blokk ta' appartamenti u triqat wesgħin li jtellfu t-tifkira ta' kif wieħed jaf il-post. Fil-fatt hawn min li meta jara x'imkien qed jitwaqqa', jfittex li jieħu ritratt ta' dak il-post biex hekk ikollu tifkira wara li jitwaqqa'. Imma bla dubju, dan hu progress, dan hu żvilupp li mhux faċli li żżommu. Illum nirringrazzja 'l Alla bit-twaqqif ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar mhux qed jitħalla, fost ħafna affarijiet oħra, it-twaqqiegħ ta' bini storiku u t-tħassir ta' l-ambjent, żewġ fatturi li huma hekk meħtieġa għaż-żamma ta' l-identita' pura ta' pajjiżna. Sa ftit taż-żmien ilu, intilfu darba għal dejjem bosta mkejjen li kienu jagħmlu sehem mill-istorja tagħna. Mhux ta' bil-fors li jkun xi tempju preistoriku. Biżżejjed biex tkun xi dar b'xi ħaġa karatteristika li, li kieku kellha tiġi protetta, tkun tagħmel unur lil pajjiż.**

Wieħed mill-imkejjen li għab mix-xena Maltija, u dan minħabba ċ-ċentralita' tal-post, kien iċ-ċimiterju tal-Blata l-Bajda li llum ftit hawn nies li jiftakruh. Minfloku llum hemm id-dar Ċentrali tas-Soċjeta' tal-Mużew bil-knisja tagħha.

Minn quddiem dan il-post kont ingħaddi kważi kuljum u għad illi bħala ċimiterju ftit li xejn jista' jnissillek ferħ għajr xi dehra awstera, imma kien qisu xi landmark qabel ma tidħol fil-Ħamrun. Dan iċ-ċimiterju antik li kien tal-pesta, kont tarah fuq ix-xellug int u dieħel il-Ħamrun, ftit passi 'l bogħod mill-monument ta' Spencer. Għal li hu, kien imdaqqas sew u x'aktarx li fiż-żmien kien jibqa' sejjer sax-Xatt tal-Marsa. Infatti minn Bridge Wharf il-Marsa sa fejn kien hemm il-Gas Works, kien jissejjaħ sa mill-ibgħad żmenijiet, bħala "Xatt il-Qwabar" li jfisser "Xatt l-Oqbra". Tant hu hekk li f'xi kuntratti ta'

bini li hemm qribu, l-art kienet imniżżla bħala ta' "Xquq l-Oqbra". Jitkellem fuq Xatt il-Qwabar (Sciat el-Kuabar) l-istoriku tagħna Pietru Pawl Castagna u jgħid li f'dan il-lok kien hemm xatt magħmul mir-Rumani.

Jien niftakar lil dan iċ-ċimiterju mdawwar kollu tidwira balavostri u rixtellu tal-ħadid baxx f'nofsu. F'nofsu kellu kolonna tonda għolja ħafna tal-ħaġar b'salib f'tarfha. Biex tilħaq il-kolonna kont trid titla' xi żewġ tarġiet, u niftakar li talanqas fil-għaxija dejjem kien ikun hemm xemgħa tixgħel quddiemu. Minbarra bla dubju l-oqbra u s-siġar taċ-ċipress li kienu jgħattu dawk l-oqbra ħiemda, in-naħa tat-triq kien hemm xi siġar tal-palm. Biex minn ħdejh kont tinżel lejn il-Marsa, il-bankina kienet taqleb 'l isfel, kif kienet u għadha hekk sal-lum it-triq. L-aħħar biċċa tal-bankina lejn il-Marsa kien ftit taraġ li jdur mal-ħajt taċ-ċimiterju. Imbagħad kif kont taqbad it-triq tal- Marsa, ma'. l-istess ħajt taċ-ċimiterju kien hemm ħaxix imxebblek u bank twil tal-ġebel li fuqu kienu jiltaqgħu xi erbat ixjuħ.

Sa fejn naf jien, niftakru miżmum tajjeb. Ma kienx imkisser u lanqas żdingat kif xi drabi tiltaqa' ma' xi ċimiterji f'xi rħula, kollu ħuxlief u l-ħaxix ħażin ma' kullimkien. Ix-xemgħa tixgħel kien iqiegħdha xi ħadd. Il-balavostri kienu



**Id-daħla tal-Ħamrun minn Blata l-Bajda. Iċ-ċimiterju l-antik tal-pesta jidher fil-post fejn illum minfloku hemm id-Dar Ċentrali tas-Soċjetà tal-Mużew**



**Ritratt meħud minn ġewwa ċ-Ċimiterju, iħares lejn il-monument ta' Spencer**

tajbin u ma kienx dak li l-Ingliżi jsejħu *eyesore*, iweġġa' l-għajn.

Meta d-direzzjoni tal-Mużew fl-1954 tħajru jibnu l-Kwartieri Ġenerali tagħhom, iċ-ċimiterju ġie żarmat minn kollox u l-għadam tal-mejtin li kienu midfunin fih ittieħdu fiċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Il-Kappillan tal-Ħamrun, Dun Nerik Cordina Perez, fit-tberik kien ibierku wkoll. Darba nzerta għaddej l-Arċisqof Gonzi li meta rah waqqaf il-karozza tiegħu u għarraf lill-Kapillan li hemm jista' ma jbierku xejn għax l-għadam kien tneħħa. Pero' fil-fatt ma kienx tneħħa kollu għax meta tal-Mużew bdew iħammlu l-qiegħa għall-pedamenti, ittella' l-għadam ukoll.

Is-sur Ġuże' Schembri li kien Segretarju Ġenerali tal-Mużew, li kien mhux biss bniedem tajjeb, imma anki ta' kapaċita' kbira, kien qalli, "daqs tletin sena ilu kont niġi nkejlu bil-pass." Dan ifisser li dan iċ-ċimiterju kien ilu f'moħħ din is-Soċjeta' biex tagħmel fih il-ġabra kollha tagħha.

U ħalli ngħiduha kif inhi. Kollu minnu li tlifna xi ħaġa antika, imma talanqas ksibna opra oħra...... opra li ħalla warajh Dun Ġorġ Preca u li baqgħet magħna. Aħjar milli tala' xi blokk ta' appartamenti li jagħmlilna għajb, kif ġara f'xi nħawi ta' pajjiżna.

**Alfie Guillaumier**